**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 02/25**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 17 ta' Frar 2025 |
| **Ħin:** | 4:22pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**
Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku
Enya Abela - Kunsilliera (Skużata)
Christian Attard - Kunsillier
Anthony Aquilina - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier (skużat)
Ivan Giardina - Kunsillier
Luke Doublet - Kunsillier
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**02.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**02.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**02.03** **Ġieh iż-Żejtun;**
**02.04** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**02.05** **Mozzjonijiet; u**
**02.06** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**02. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 02. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Caruana Roderick ser ikun skużat minħabba xogħol. | |

**02. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Aquilina | Il-Minuti 01/25 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**02. 2.** **Ġieh iż-Żejtun**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 02. 2 5 | | | Peress li kienet laqgħa qasira ma kinx hemm ħin għar-rapporti mill-minuti. | |

**02 3** **Ġieh iż-Żejtun;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML02/25. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 02 | 3 | 1 | Aquilina: Ġieh iż-Żejtun | Aquilina ippreżenta lill-Kunsill is-sottomissjonijiet li waslu fl-uffiċini tal-Kunsill għal dawk nominati għall-Ġieh iż-Żejtun. Dawn kienu jammontaw għal ħamsa. Bdew jinqraw il-profili ta' dawk nominati. Dawn kienu Sheldon Vella, Gillian Attard li ġiet nominata darbtejn, Maestro Ray Sciberras u Joanne Gatt. F'dan il-ħin Attard telaq mill-kamra biex jevita kunflitt ta' interess peress li ġiet nominata oħtu. Wara diskussjoni dwar kull profil imressaq, s-Sindku talbet sabiex issir l-għażla. Ġiet magħżula s-Sa. Gillian Attard b'mod unanimu minn dawk preżenti. Kulħadd qabel li dawk innominati huma kollha validi u kollha qed jagħtu sehmom għaż-Żejtun u proponew li dawn jiġu rikonoxxuti bin-nomi l-oħra. |
| 02 | 3 | 2 | Sindku: Rikonoxximenti oħra | Is-Sindku talbet li jiġu proponuti nies oħra għall-rikonoxximenti oħra.<br>Diversi Kunsilliera proponew lil dawn li ġejjien:<br>1) **Ħarsien għad-Drittijiet tal-Annimali**:<br>a) Alice Steer<br>b) Salvu Spagnol<br><br>2) **Fjamma Żagħżugħa**<br>a) Tatyana Lautier<br>b) Sheldon Vella<br><br>3) **Sportiv tas-Sena**<br>a) Jonathan Bilocca<br>b) Joseph Camilleri<br><br>4) **Anzjan Attiv**<br>a) Charles Seychell<br>b) Nazzareno Mifsud<br><br>5) **Volontarjat**<br>a) Lorry Vella German<br>b) Ġużeppi Agius<br><br>6) **Rikonoxximent Speċjali**<br>a) Valerie Vella<br>b) Etienne Schembri<br><br>7) **Ħarsien tal-Wirt Kulturali**<br>a) Catherine Tabone<br>b) Manuel Vella |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | 8) **Tisħiħ ta' Riċerka Akkademika**<br>a) Profs. Dr. David Mifsud<br><br>Aquilina talab li fuq kull nominat għandha tinġieb l-informazzjoni miktuba dwarhom u l-indirizzi sabiex jiġu kkuntatjati. Jixtieq li kull kunsillier ikun involut fl-għoti ta' dawn ir-rikonoxximenti.<br><br>Ser jiġu rikonoxxuti għall-ħidma tagħhom fil-Kunsill, l-ex Sindku Doris Abela flimkien mal-ex-Kunsilliera Sean Chircop, Stephanie Fenech, Amanda Abela u Gesmond Baldacchino. | |
| 02 3 5 | | Aquilina: Trofew Karlu Diacono | Aquilina qal li għall-ewwel darba din is-sena dan ir-rikonoxximent ser jingħata waqt Ġieh iż-Żejtun. Huwa qal li dawn jintagħżlu minn naħa tal-każini. L-Għaqda Banda Żejtun innominat lil Brielle Vella u l-Għaqda Mużikali Beland lil Lincoln Cowles.<br><br>Din l-attivita' ser issir fid-19 ta' Marzu fis-7:30pm ġewwa l-Juventutis Domus li ser jingħata mingħajr ħlas. Aquilina irringrazzja lil Sean Chircop, Anthony Tomaselli Chetcuti, Valerie u Marion Ghio.<br><br>Aquilina semma wkoll li għaddejjien l-aħħar preparamenti għall-attivita' tal-Karnival u talab lil kull min jista' l-għajnuna tiegħu. | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Ġardinara**<br>**Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| | | Doublet | Doublet reġa' ressaq il-problema li għandu bil-ħaddiem Francis Borg wara li reġa' ma mexiex mal-istruzzjonijiet li tah. Huwa talab li tittieħed azzjoni. Il-Kunsill qabel li dan il-ħaddiem wara li diġa ingħata żewġ *warnings* oħra f'Ottubru, tiġi kkunsidrata t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu imħabba nuqqas ta' rispett lejn is-superjuri tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa prova kemm il-darba jsib it-triq tan-nofs ma' dan l-impjegat pero l-attitudni baqgħet l-istess jew marret għall-agħar. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li dan għandu jitwaqqaf b'mod imeddjat. Issemmew ukoll il-problemi li qed jiltaqgħu magħhom mal-ħaddiem Andrew Cassar. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li dan ġab ċertifikat mediku u talab li jaħdem bil-*light duties*. Is-Sindku qalet li diġa offritlu xogħol mal-latrini, xogħol li hu ma qabilx li jagħmel. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li dan għandu jitwaqqaf ukoll. | |
| **02.** | **7.** | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;*** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 7. | 1 | Tabella tal-Ħlasijiet 02/25 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. | 7. | 2 | Talbiet għal Xiri Seduta 02/25 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. | 7. | 3 | *Petty Cash* - Jannar 2025 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Jannar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €230.44 | Segretarju Eżekuttiv |

**02 8 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 8 | 1 | | Aquilina | Aquilina ressaq mozzjoni, sekondata mis-Sindku, sabiex mad-dar fejn għix Mons. Dun Victor Grech issir lapida ta' rikonoxximent. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Aquilina / Sindku |
| 02. | 8 | 2 | | Attard | Attard ressaq mozzjoni, sekondata mis-Sindku, sabiex masġar żgħir fi Triq l-Ispirtu s-Santu kantuniera ma' Triq il-Gwiedi jissemma għal Mons. Dun Victor Grech. Is-Sindku proponiet li meta jiġi nawgurat issir attivita' żgħira bl-għana. Ser issir talba lil Projects Green sabiex tissebbaħ iż-żona qabel dan isir. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Attard / Sindku |

**02 9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fil- 5:30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta, 11 ta' Marzu 2025 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

IFFIRMATA

Joan Agius

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv